**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D., M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 295/2020 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spt Joseph Mercieca u Spt Colin Sheldon)**
**vs**
**John Joseph Debono**

**Illum 14 ta' Novembru 2024**

**Il-Qorti;**

Rat lil:

John Joseph Debono, 31 sena, iben Anthony u Mary Aquilina imwieled Żebbuġ nhar it-2 ta' Frar, 1989, u li joqgħod nru. 164, Triq Fisher, Mġarr, detentur ta' karta ta' l-identita' nru. 76089M.

Akkużata talli nhar il-25 ta' Ġunju 2020, għall-ħabta tas-2p.m., u/jew fil-jiem ta' qabel matul Ġunju, 2020, ġewwa Chemistry Building fl-Universita' ta' Malta, Msida;

1. Bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' serq assovja ruħu ma xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmel reat ta' serq aggravat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disa' għoxrin ewro u sebgħa w tletin ċenteżmu, u bil-lok, għad-dannu ta' l-Universita' ta' Malta, il-Gvern ta' Malta, u/jew xi persuna/i u/jew xi entita' jew entitajiet oħra;

2. Bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' serq, wera dan il-ħsieb b'atti esterni w ta' bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, liema ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mil-volonta' tiegħu, u kieku ġie esegwit kien ikun reat ta' serq aggravat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa w għoxrin ewro u sebgħa w tletin ċenteżmu, u bil-lok, għad-dannu ta' l-Universita' ta' Malta, il-Gvern ta' Gvern ta' Malta, u/jew xi persuna/i u/jew xi entita' jew entitajiet oħra;

3. Akkużat ukoll talli rrenda ruħħu reċediv ai termini ta' l-Artikolu 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru defenittivi w ma jistgħux jinbidlu.

Rat id-dokumenti tal-kawża;

Rat l-atti kollha;

Semgħet ix-xhieda;

Rat li l-imputat irreġistra ammissjoni fis-seduta datata 26 ta' Settembru 2024 għall-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tiegħu;

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tiegħu u tatu żmien xieraq biex jekk irid, jista' jerġa' lura minnha u fil-fatt huwa reġa' tenna l-istess ammissjoni tiegħu.

Il-Qorti rat il-pre-sentencing report ippreżentat mill-Probation Officer Gordon Grech datat 26 ta' Settembru 2024.

**Ikkunsidrat:**
Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta' l-imputat u l-fedina penali tiegħu u ma tħossx li l-imputat għandu jirċievi piena karċerarja effettiva ladarba huwa beda jgħin lilu nnifsu billi jipprova jegħleb il-vizzju tiegħu.

**Decide:**
**Għal dawn il-motivi u wara li l-Qorti rat l-Artikoli 48A(1)(2)(3)(4), 261(a)(b)(c)(e), 262(1)(a)(b)(2), 263, 264, 265, 266, 267, 269(d), 276, 277(b), 279(b) 280(2), 41(1)(a), 325(1)(b), 49 u 50 ssib lill-imputat John Joseph Debono ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tiegħu u tapplika l-Artikolu 7 tal-Kap 446**

**tal-Liġijiet ta' Malta u tqiegħed lill-imputat taħt ordni ta' probation għal perjodu ta' tlett snin mil-lum.**

**Inoltre tordna lill-ħati John Joseph Debono jħallas l-ispejjeż marbuta mal-ħatra ta' l-esperti f'din il-kawża fl-ammont ta' ħames mija sebgħa u erbgħin Ewro u tlieta u sittin ċenteżmu (€547.63).**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**

**Magistrat**

**Fabiana Grech**

**Deputat Registratur**